Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

# Seduta numru 27 tas-7 Leġislatura
# it-Tnejn, 25 ta' Mejju 2015

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 25 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Skema Restawr Postijiet Storiċi
5. Update dwar il-Proġett tal-Bandli ta' Wesgħat il-Ġublew
6. Attivitajiet tas-Sajf
7. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut, u il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Id-Deputat Sindku, Eman Vella u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Sarah Chetcuti kienu skużati.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

**1 Minuti**

dwar punt 3.1 : Is-Sindku informa li il-proċess tal-ftehim ma' Dame Tempra kien miexi tajjeb, iżda waqa' ftit lura minħabba il-fatt li Dame Tempra kienet attwalment rikoverata l-isptar. Il-proċess ser jitkompla.

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

1.2 Ġiet ukoll ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti, li ġiet approvat mill-Kunsill.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Ġiet diskussa il-Memo 10/2015 dwar finanzjament ta' kotba għall-librerija pubblika. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li, fuq korrispondenza li kien hemm mas-Sur Steve Borg mid-Dipartiment tal-Libreriji, kien hemm bżonn ta' investiment ta' kotba kif ukoll tneħħija ta' kotna antiki. Għaldaqstant, il-Kunsill approva li jivvota il-massimu fuq din l-iskema, jiġifieri is-somma ta' €600.

2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva talba mingħand StudentInternship.EU dwar studenti barranin li jkunu jixtiequ jagħmlu esperjenza ta' xogħol fil-Kunsill bħala parti mill-istudji tagħhom permezz tal-programmi ta' studji tal-Unjoni Ewropeja. il-Kunsill approva din it-talba u studenti ser ikunu qed iwettqu ħidma volontarja fil-ġimgħat li ġejjin.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li is-sidien tal-ħwienet kienu wasslu fi' ftehim sabiex jinġabrilhom l-iskart tagħhom minn-kuntrattur differenti minn-dak imqabbad mill-Kunsill għall-iskart domestiku. Il-Kuntrattur imqabbad mis-sidien tal-ħwienet kien Euroclean.

3.2 Is-Sindku informa li fid-19 ta' April kien beda' ix-xogħol fuq iż-żuntier tal-Knisja.

3.3 Is-Sindku informa wkoll li ix-xogħol fuq iċ-ċint fi' Triq Ganfra kien tlesta u issa GreenMT kienu ser ikunu qegħdin jibdlu l-iskips tal-Bring-In Site.

3.4 Mario Sammut informa li flimkien ma' Eman Vella kien attenda għal-laqgha tal-fondi tal-EU.

3.5 Is-Sindku informa li is-Sibt 23 ta' Mejju saru il-Kampjonati Nazzjonali tal-Mountain Running fl-Imġarr. Il-Kunsill ospita il-premjazzjoni fis-Sala tal-Kunsill wara it-tellieqa.

3.6 Is-Sindu informa li kien ser isiru korsijiet tal-kompjuter fil-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill. Dan il-kors kien ser isir mit-TCTC.

3.7 Is-Sindku semma' li il-Ħadd 17 ta' Mejju kienet saret l-attivita' Frott il-Bidwi Imġarri fiż-Żebbiegħ. Elizabeth Ebejer infurmat li kienet attendiet u faħħret din l-attivita' filwaqt li uriet apprezzament għax-xogħol volontarju li jsir minn bosta persuni mill-lokalita'.

3.8 Is-Sindku informa li fil-15 ta' Mejju kienet saret attivita'li fiha inżergħu numru ta' siġar f' Ta' Darrenzi u li għaliha attendew numru ta' studenti mill-iskola primarja tal-Imġarr.

3.9 Is-Sindku informa li l-għada, 26 ta' Mejju kien ser isir xogħol fi' Triq Sir Harry Luke kantuniera ma' Triq San Filippu.

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien hemm bżonn li l-Kunsill jiftaħ kont bankarju ġdid mal-Bank of Valletta sabiex fih u minnu isiru it-tranżazzjonijiet relatati mal-proġett tal-Miżura 313 kif ukoll jiġi ddepositat l-*upfront payment* għall-dan il-proġett. Il-Kunsill approva dan u is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa.

**4. Skema Restawr Postijiet Storiċi**

4.1 Ġiet diskussa MEMO 11/2015 dwar restawr ta' postijiet storiċi.

4.2 Il-Kunsill iddiskuta diversi proposti dwar din l-iskema. Finalment, kien hemm qbil unanimu li il-Kunsill japplika biex jittellgħu mill-ġdid iż-żewġ plieri tal-ġebel li kellhom fuqhom l-iskud tal-Gran Mastru Manuel de Vilhena fi' Triq l-Imġarr, qrib il-Victoria Lines. Dawn il-plieri illum ma' kienux għadhomnn jeżistu iżda instabet dokumentazzjoni u ritratti li juru l-għamla, id-daqs u il-post tagħhom.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jingħata aktar informazzjoni sabiex ikun jista' idaħħal l-applikazzjoni fiż-żmien stipulat.

**5. Update dwar il-Proġett tal-Bandli ta' Wesgħat il-Ġublew**

5.1 Is-Sindku ta' update dwar il-proġett tal-Bandli ta' Wesgħat il-Ġublew. Semma' li kien twaħħal ukoll it-tagħmir tad-dawl u fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jitwaħħal ir-railing.

5.1 Is-Sindku ippropona li isir intervent fuq iċ-ċint tal-bandli fuq Triq Sir Harry Luke, biex dan jittneħħa u jiġi installati racks tar-roti. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**6. Attivitajiet tas-Sajf**

6.1 Fuq inizzjattiva ta' Elizabeth Ebejer, il-Kunsill qabel li jorganizza żjara ta' apprezzament kulturali fil-knisja parrokkjali fi' żmien il-festa ta' Santa Marija. Din l-attivita ser tintrabat ukoll ma' attivita' għat-tfal fuq l-istess tema.

6.2 Il-Kunsill qabel li ssir l-ikla tradizzjonali ta' żmien il-festa f' Wesgħat il-Ġublew. Ġies diskuss ukoll biex id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jiġi mistieden jagħmel dimostrazzjoni tax-xogħol tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikkuntatja lill-Kap ta' dan id-Dipartiment.

6.3 Is-Sindku semma' li kellu informazzjoni li l-Imġarr Nursery kellhom il-ħsieb jorganizza skola ta' l-isport għall-ġimgħat tas-sajf.

6.4 Mario Sammut semma' li l-artist Olaf Schabbach kellu f' moħħu jagħmel attivita' artistika ta' projezzjoni ta' dwal ikkulurit fil-Ġnejna. Il-Kunsill ra li din taf tkun attivita' li tista' tintrabat maċ-ċelebrazzjonijiet bi' tħejjija għall-Valletta 18.

6.5 il-Kunsill iddiskuta li hekk kif ix-xogħol fil-bandli ta' Wesgħat il-Ġublew kien riesaq lejn tmiemu, kien hemm il-ħsieb li matul is-sajf isir il-ftuħ uffiċċjali ta' dan il-proġett.

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

**7. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Is-Sindku semma il-proposta ta' proġett ta' parkeġġ u ġbir ta' l-ilma fil-Ġnejna. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jibda' jara x' hemm bżonn isir fuq dan il-proġett.

7.2 Is-sindku informa li kien ser jiġi installat fence fi' Triq l-Alwiża minħabba sigurta'.

7.3 Fil-bandli ta' Triq l-Alwiża kien tkisser parti mit-taghmir li jużaw it-tfal. Dan it-tagħmir kelli jitneħħa minħabba il-periklu u inġabru kwotazzjonijiet għat-twaħħil ta' tagħmir simili ieħor fl-iqsar żmien possibli. Il-Kunsill ra dawn l-offerti u iddeċieda li jagħżel it-tagħmir ta' MQuip Ltd peress li kien l-aktar wieħed ekonomikament vantaġġjuż.

7.4 Mario Sammut informa li l-edizzjoni tal-Miġbħa kienet lesta u ser titqassam fil-jiem li ġejjin.

7.5 Clayton Gauci semma il-bżonn li ssir linja ta' nofs it-triq fit-Triq tas-Santi.

7.6 Elizabeth Ebejer semmiet li kien hemm problema bl-iskart fil-kantuniera tal-Majjistra.

7.7 Elizabeth Ebejer semmiet ukoll li kien hemm problema b'ċerti restaurants li meta dawn jarmaw barra ma jħallux passaġġ fuq il-bankina u li dan joħloq inkonvenjent u periklu.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:05pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2015 fil-5:30pm.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku